**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 776/2024 GG**

**Angelo Catering Limited (C-3335)**

**vs.**

**Meeting Point Malta Limited (C-41046)**

**Kawza numru: 1**

Illum 30 ta' Settembru 2024

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' Angelo Catering** ppreżentat quddiem din il-Qorti fil-11 ta' Lulju 2024 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi s-socjeta' esponenti topera lukanda bl-isem ta' Seaview Hotel, Islets Promenade, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, Malta.
2. Illi s-socjeta' konvenuta hija operatur turustiku li torganizza btajjel ghal turisti barranin inter alia fil-lukanda operata mis-soceta' esponenti.

3. Illi s-socjeta' esponenti hija kreditrici tas-socketa' konvenuta fl-ammont ta' erbgha u tmenin elf sitt mija tlieta u disghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€84,693.52) ghal servizzi rezi mis-socjeta esponenti lil dik konvenuta essenzjalment konsistenti f'bookings ghal btajjel fil-lukanda operata mis-socketa' esponenti, kif ukoll fornitura ta' ikel, xorb u servizzi ohra, li gew onorati, u dana jirrizulta mill-anness statement (Dok. 'ACL 3').

4. Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

5. Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment, lill-esponenti.

6. Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talbiet tas-socjeta' esponenti.

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta esponenti, fl-ammont ta' erbgha u tmenin elf sitt mija tlieta u disghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€84,693.84) ghal servizzi rezi mis-socjeta' esponenti lil dik konvenuta essenzjalment konstitenti f'*bookings* ghal btajjel fil-lukanda operata mis-socjeta'

esponenti, kif ukoll fornitura tal-ikel, xorb u servizzi ohra, li gew onorati, u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok 'ASL 3')

3. Konsegwentament, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta, sabiex thallas lis-socjeta' esponenti l-ammont ta' erbgha u tmenin elf sitt mija tlieta u disghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€84,693.84).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat, oltre l-imghax legali b'effett mis-19 ta' Gunju 2024 kontra s-socjeta' konvenuta, rapprezentanti ta' liema huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dgriet taghha tad-19 ta' Lulju, 2024 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2024 fid-9.30 am b'ordni lis-socjeta' konvenuta biex tidher f'dan il-jum u twiegeb ghat-talba tas-socjeta' attrici u li fin-nuqqas il-Qorti tghaddi biex tddeciedi l-kawza minnufih;

Rat illi s-socjeta' konvenuta deheret fl-udjenza tat-30 ta' Settembru u ammetiet t-talbiet attrici billi prezentat u qrat nota t'ammissjoni kif titlob il-ligi;

Rat in-nota t'ammissjoni tas-socjeta' konvenuta;

Rat l-atti kompriz id-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavit ta' Josette Vella, Dok ACL1 akkluz mar-rikors mahluf;

Rat ukoll illi huma sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta;

**Decide:**

Ghalhekk stante ammissjoni, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa'** l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** t-tieni talba u konsegwentement tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' erbgha u tmenin elf, sitt mija tlieta u disghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€84,693.84) u tikkundanaha thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erbgha u tmenin elf sitt mija tlieta u disghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€84,693.84).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat, oltre l-imghax legali b'effett mis-19 ta' Gunju 2024 kontra s-socjeta' konvenuta.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur